MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2136/2003

**Middle Sea Insurance Plc., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Dennis Sultana u l-istess Dennis Sultana**

**Vs**

**Mario Pace**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm258.36c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front to Rear Form* fejn il-konvenut qal:

"Waqaft biex nidhol fil-venda u giet il-vettura l-ohra JBD 837 go fija."

Pierre Valletta qal:

"Il-vettura ta' quddiemi DBY 453 waqfet f'daqqa, beda jirriversja u jien daqqejt il-horn izda baqa' gej fuq il-vettura tieghi."

Ra n-Nota li pprezenta Pierre Valletta fejn qal li dakinhar ta' l-incident kien mar jigbor lil Joseph Vella sabiex itellghu l-isptar. Jghid waqt li kien wara x-xarabank, l-istess xarabank waqfet f'daqqa u f'hin minnhom marret lura u sar l-impatt.

Ra x-xhieda ta' Joseph Vella li kien *front seat passenger* ma' Pierre Valletta fejn jikkonferma li dakinhar ta' l-incident kien cempel lil Valletta sabiex jiehdu l-isptar. Jghid li huma u diehlin City Gate biex imorru ghat-trakk, waqaf trakk fin-nofs u Valletta waqaf wara dan it-trakk. Jghid illi kien hemm metru jew tnejn bhala distanza bejn il-vettura ta' Valletta u t-trakk. F'daqqa wahda jghid li t-trakk mar lura u sar l-impatt.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid li dakinhar ta' l-incident kien wieqaf sabiex jidhol minflok xarabank ohra. Jghid li vetturi mhux suppost jidhlu. Pace jghid li ma ndunax mill-ewwel li dahal go xi hadd. Jichad li saq lura.

Ra x-xhieda ta' Stefan Caruana li kien *inspector* fuq tal-linja fejn jghid li dakinhar ta' l-incident ra lil Mario Pace jsuq 'il quddiem u l-iehor beda jdoqqlu l-horn. Jghid li fil-

mument tal-habta, Mario Pace kien wieqaf u l-iehor dahal go fih.

Caruana ma jiftakarx il-kulur tal-vettura li dahlet go Mario Pace u lanqas x'tip ta' vettura kienet.

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet jikkontradixxu lil xulxin. Huwa l-attur li kellu jipprova li l-konvenut irriversja ghal go fih. Il-konvenut cahad li rriversja. Ix-xhud Stefan Caruana ma kienx kredibbli. Illi fir-*Front to Rear Form* hemm immarkata l-kaxxa (Kaxxa 13.7) *"striking the front of the other vehicle whilst reversing"*. Illi minn dan l-i*statement of facts* jirrizulta li l-kaxxa mmarkata hija fuq in-naha tal-konvenut u ghalhekk jirrizulta li l-konvenut iffirma *form* li fih hemm dikjarazzjoni minnu li hu kien qed jirriversja. Il-konvenut ma talabx korrezzjoni tal-*form*.

Illi b'hekk hija iktar kredibbli l-verzjoni ta' l-attur.

Ghalhekk jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' Lm258.36c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u sitta u tletin centezmu) lill-atturi bl-ispejjez u bl-imghax mill-31 t'Ottubru, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------